

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– MONTENEGRO –**

**Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

AD 54/26

LIMITE

CONF-ME 18

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 8: Politika tal-Kompetizzjoni

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu ta' Negożjar 8: Politika tal-kompetizzjoni

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Montenegro dwar l-Adeżjoni (AD 23/12 CONF-ME 2), u hija soġġetta għall-prinċipji għan-negożjati approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negożjati ma tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet - anki ftehimiet parzjali - milħuqin matul in-negożjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati b'suċċess ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun ġie stabbilit ftehim globali;
- kif ukoll għar-rekwiżiti stipulati fil-punti 24, 28, 41 u 44 tal-Qafas ta' Negożjar.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE, filwaqt li tinnota li jista' jidħol fis-seħħ acquis addizzjonali qabel l-adeżjoni, biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u jiżviluppa, diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjoni ta' negożjar tiegħu AD 8/19 CONF-ME 1 u AD 14/26 CONF-ME 11, jaċċetta l-acquis taħt il-Kapitolu 8 kif fis-seħħ fl-1 ta' April 2026, u li jiddikjara li ser ikun lest li jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Antitrust u fużjonijiet

Fir-rigward tal-qafas leġislattiv tal-Montenegro, l-UE tqis li bil-Liġi l-ġdida dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni adottata fl-2026 u l-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni l-Montenegro jallinja mal-Artikoli 101, 102 u 106 TFUE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, id-Direttiva (UE) 2019/1 u l-acquis l-ieħor fil-qasam tal-antitrust u l-fużjonijiet. Barra minn hekk, il-Liġi dwar il-proċeduri għall-kumpens ta' danni minħabba ksur tal-kompetizzjoni fis-suq, adottata fl-2026, tallinja mad-Direttiva 2014/104/UE. Bl-adozzjoni ta' diversi atti leġislattivi sekondarji skont il-Liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni, huwa żgurat allinjament ulterjuri mal-acquis applikabbli għall-istrumenti tal-antitrust u tal-fużjonijiet. L-UE tinnota li l-Liġi l-ġdida dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni tabbanduna s-sistema ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni (APC) għal talbiet għal eżenzjonijiet individwali, f'konformità mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni. Il-liġi tagħti wkoll lill-APC biżżejjed setgħat biex tirrikjedi t-terminazzjoni ta' ksur, timponi miżuri interim u taċċetta impenji; tagħti wkoll is-setgħa lill-APC li timponi penali perjodiċi, kif ukoll li tipproponi l-ammont tal-multi lill-Qorti għal Reati Minuri. Il-Montenegro jeħtieġ li jkompli jsegwi l-iżvilupp tal-acquis u, skont dan, jiżgura allinjament f'waqtu, kif ukoll ikompli jadatta l-leġislazzjoni tiegħu, pereżempju b'dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu implimentati biss wara l-adeżjoni mal-UE (eż. dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni transfruntiera skont id-Direttiva (UE) 2019/1).

L-UE tinnota li l-kapaċità tal-qrati għal reati minuri ssaħħet matul is-snin u li gradwalment ġie stabbilit rekord ta' investigazzjonijiet ġudizzjarji effettivi u effiċjenti f'kooperazzjoni mal-APC u ta' segwitu tal-irregolaritajiet identifikati, inkluż bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet deterrenti, meta xieraq.

L-UE tinnota li l-korpi kompetenti fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-APC, għandhom kapaċitajiet amministrattivi suffiċjenti, mirfuda minn baġits annwali li qed jikbru għall-APC. L-UE tilqa' l-azzjonijiet determinati tal-Montenegro f'dan il-qasam, b'mod partikolari r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' aktar persuni li jittrattaw il-każijiet. L-UE tinnota l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għat-tiżhijiet tal-kapaċitajiet amministrattivi fil-kapitolu ta' negozjar 8, li jipprova pjan solidu għal reklutaġġ ta' aktar persunal meħtieġ tal-APC u l-ministeri kompetenti, kif ukoll aktar taħriġ u impenji baġitarji sad-data tal-adeżjoni. Barra minn hekk, l-UE tilqa' s-sistema stabbilita għat-taħriġ tal-imħallfin, inkluż f'kooperazzjoni maċ-Ċentru għat-Taħriġ tal-Ġudikatura u tal-Prosekuzzjoni tal-Istat fil-Montenegro.

Għajnuna mill-Istat

Fir-rigward tal-qafas leġislattiv tal-Montenegro għall-għajnuna mill-Istat, l-UE tqis li l-Liġi dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat adottata fl-2025, u l-leġislazzjoni sekondarja rilevanti, jallinjaw mal-Artikoli 107 u 108 TFUE u mal-acquis rilevanti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Liġi tiżgura l-istatus legali xieraq tal-allinjament mal-acquis dwar l-għajnuna mill-Istat inkluż fir-rigward tal-Ġabra ta' Regoli dwar il-Lista tar-Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat. B'mod simili għall-antitrust u l-fużjonijiet, il-Montenegro jeħtieġ li jkompli jsegwi l-iżvilupp tal-acquis dwar l-għajnuna mill-Istat u, skont dan, jiżgura allinjament f'waqt u aktar adattament tal-leġislazzjoni tiegħu.

L-UE tinnota li l-Liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni tipprevedi l-indipendenza operazzjonali tal-awtorità tal-għajnuna mill-Istat billi tespandi l-mandat tal-APC biex ikun jinkludi l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

L-UE tilqa' l-fatt li l-Montenegro saħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-APC b'rabta mal-kontroll tal-ġajnuna mill-Istat, b'mod partikolari billi rrekluta aktar persuni li jitrattaw il-każijiet. L-UE tinnota l-iżvilupp gradwali tar-rekord ta' infurzar b'enfasi fuq notifiċi u kontrolli *ex ante*, filwaqt li tiġbed l-attenzjoni għas-sistema gradwalment imtejba ta' kontroll tal-ġajnuna mill-Istat u l-għarfien tajjeb tal-konċedenti tal-ġajnuna mill-Istat, kemm fost l-awtoritajiet ċentrali kif ukoll dawk lokali. L-UE tilqa' wkoll l-ambitu wiesa' tal-attivitajiet organizzati mill-APC biex iżżid l-għarfien fost il-konċedenti tal-ġajnuna mill-Istat u n-negozji, kif ukoll l-isforzi biex jingħata għarfien lill-fakultajiet legali, ekonomiċi u politiċi tal-universitajiet, dwar suġġetti ta' kompetizzjoni u ġajnuna mill-Istat.

L-UE tilqa' wkoll is-sistema stabbilita u li tiffunzjona ta' kontroll *ex ante* u monitoraġġ *ex post* tal-ġajnuna mill-Istat fil-Montenegro. L-UE tinnota li l-awtorità kompetenti – l-APC – tista' twettaq valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' ġajnuna f'każijiet kumplessi, u fejn meħtieġ tordna l-irkupru ta' ġajnuna illegali. L-UE tinnota li l-Montenegro wera rekord ta' infurzar gradwalment imtejjeb u ġeneralment sodisfaċenti f'dan il-qasam u tappella lill-Montenegro biex isostni l-isforzi tiegħu u jkompli jtejjeb u jagħti riżultati f'dan il-qasam.

Meta jitqiesu **l-investigazzjonijiet** partikolari **dwar l-ġajnuna mill-Istat** ta' ġajnuna potenzjalment inkompatibbli mogħtija fis-**settur tal-ajru**, partikolarment il-kumpanija Montenegro Airlines, l-UE tinnota li, fil-perjodu bejn l-2019 u l-2024, il-Montenegro għamel erba' investigazzjonijiet formali *ex officio* dwar l-ġajnuna mill-Istat potenzjali kollha mogħtija mill-2012 (inkluż il-Liġi tal-2019 dwar l-investiment fil-konsolidazzjoni u l-iżvilupp fil-Montenegro Airlines) u ħareġ tliet deċiżjonijiet ta' rkupru għal ġajnuna inkompatibbli mill-Istat u inkluż dwar kwistjonijiet ta' rkupru fil-kuntest tal-insolvenza. L-UE tilqa' wkoll il-fatt li l-APC ħadet inizjattiva għal azzjonijiet addizzjonali lil hinn mit-talba inizjali taħt il-parametru referenzjarju għall-ġheluq, eż. li tinvestiga l-kwistjoni ta' (dis)kontinwità ekonomika bejn Montenegro Airlines u t-trasportatur nazzjonali l-ġdid ToMontenegro u ġajnuna possibbli mill-Istat mogħtija lil dan tal-aħħar. L-UE tqis li, permezz tal-investigazzjonijiet *ex officio* msemmijin hawn fuq, l-APC bdiet l-investigazzjonijiet u l-passi proċedurali meħtieġa għal dan il-każ importanti. Filwaqt li tifhem li l-proċeduri ta' falliment quddiem Qorti Kummerċjali jistgħu jdumu żmien twil, l-UE tistieden lill-Montenegro jirrapporta kull sitt xhur dwar kwalunkwe żvilupp li jista' jirriżulta fl-irkupru effettiv tal-ġajnuna inkompatibbli mill-Istat f'dak il-każ kif ukoll dwar il-valutazzjoni sħiħa relatata mad-(dis)kontinwità ekonomika bejn Montenegro Airlines u t-trasportatur nazzjonali l-ġdid ToMontenegro, inkluż dwar ġajnuna mill-Istat possibbli mogħtija lil dan tal-aħħar.

Fir-rigward tal-każ tas-settur tal-aluminju, partikolarment il-kumpanija Kombinat Aluminijuma Podgorica (KAP), l-UE tinnotta li l-assi tagħha tiegħu minn "Politropus Alternative" d.o.o. Tivat u "Uniprom" d.o.o. Nikšić fl-2014. Fid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Marzu 2016, l-il-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat ikkonkludiet li ma hemmx kontinwità ekonomika bejn il-KAP u s-sidien il-ġodda tal-assi tagħha. Uniprom kompliet l-operat tal-funderija tal-aluminju fuq skala iżgħar iżda effettivament waqqfet l-operazzjonijiet tagħha f'Diċembru 2021. L-UE tinnotta l-eżitu tal-valutazzjoni ddedikata mill-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat li Uniprom ma bbenefikatx minn għajnuna inkompatibbli mill-Istat.

Fir-rigward tal-każ tal-infrastruttura tat-trasport, b'mod partikolari l-awtostrada Bar-Boljare, l-UE tinnotta l-konklużjonijiet tal-APC dwar in-nuqqas ta' għajnuna inkompatibbli mill-Istat fil-finanzjament tal-kostruzzjoni tas-sezzjonijiet Smokovac-Mateševo u Mateševo-Andrijevića u l-isfruttament kummerċjali tal-ewwel waħda, b'mod partikolari fir-rigward tal-kumpanija tal-Istat "Montepu".

Meta wiehded iħares lejn l-infurzar ġenerali, l-UE tilqa' r-rekord tal-APC fl-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' każijiet ta' għajnuna inkompatibbli possibbli u s-segwitu għall-irkupru tagħha. L-UE tappella lill-Montenegro biex ikompli jirreġistra kif xieraq kemm l-għajnuna mill-Istat kompatibbli kif ukoll dik inkompatibbli fir-reġistri ddedikati dwar l-għajnuna mill-Istat u fir-rapporti annwali dwar l-għajnuna mill-Istat.

Fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd, l-UE tirreferi għall-Pożizzjonijiet Komuni tal-Unjoni Ewropea dwar l-għeluq tal-Kapitolu 11: Agrikoltura u żvilupp rurali (AD 22/25 CONF-ME 9/25) u l-Kapitolu 13: Sajd (AD 21/25 CONF-ME 8/25), rispettivament.

Fir-rigward tal-għajnuna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, l-UE tfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 108(1) TFUE, il-miżuri ta' għajnuna eżistenti huma sogggetti għal proċedura ta' rieżami li skontha l-Kummissjoni tista', f'kooperazzjoni mal-Istat Membru, tipproponi bidliet għal miżura ta' għajnuna eżistenti meta jkun xieraq biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mas-Suq Intern.

Sa fejn il-Montenegro jrid li l-miżuri ta' għajnuna li ddaħħlu fis-seħħ qabel, u li ser jibqgħu applikabbli wara d-data tal-adeżjoni, jitqiesu bħala għajnuna eżistenti fit-tifsira tal-Artikolu 108(1) TFUE, l-UE tistieden lill-Montenegro jfassal lista ta' dawn il-miżuri ta' għajnuna li l-APC tqis li huma kompatibbli mal-acquis u jibgħat din il-lista lill-Kummissjoni biex teżaminaha.

Il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja, li għandha tiġi ppreżentata f'format konkret ta' rapportar ipprovdut mill-Kummissjoni:

- Il-miżuri kollha ta' għajnuna (kemm skemi ta' għajnuna kif ukoll għajnuna individwali) li (i) iddaħħlu fis-seħħ qabel l-adeżjoni, u li ser ikunu applikabbli wara l-adeżjoni; (ii) li ġew ivvalutati mill-APC; u (iii) li l-APC sabet li kienu kompatibbli mal-acquis;
- Kwalunkwe informazzjoni li hija essenzjali għall-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna fuq il-lista.

Il-lista għandha tiġi aġġornata regolarment sad-data tal-adeżjoni.

Għajnuna li tkun inkluża fil-lista u li dwarha l-Kummissjoni, wara li tkun eżaminatha, ma qajmitx dubji serji dwar il-kompatibbiltà għandha titqies bħala għajnuna eżistenti wara d-data tal-adeżjoni.

L-UE tinforma lill-Montenegro li l-miżuri ta' għajnuna li daħlu fis-seħħ aktar minn għaxar snin qabel id-data tal-adeżjoni dejjem ser jitqiesu bħala għajnuna eżistenti.

Ser tiġi inkluża fit-Trattat ta' Adeżjoni referenza għal-lista ta' għajnuna eżistenti u għall-proċedura għall-istabbiliment tagħha (l-hekk imsejja "mekkaniżmu ta' għajnuna eżistenti").

Il-miżuri kollha ta' għajnuna mill-Istat li jkunu għadhom applikabbli wara d-data tal-adeżjoni li ma jkunux ġew identifikati bħala għajnuna eżistenti permezz tal-proċedura deskritta hawn fuq għandhom jitqiesu bħala għajnuna ġdida mal-adeżjoni. Wara l-adeżjoni, l-applikazzjoni ta' tali miżuri ġodda ta' għajnuna ser tkun bil-kundizzjoni li l-Montenegro jinnotifikahom skont l-Artikolu 108 TFUE u li l-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' għajnuna jkunu kompatibbli mas-suq intern.

Liberalizzazzjoni

L-UE tieħu nota li l-Montenegro ma għandux monopolji tal-Istat ta' natura kummerċjali, kif previst fl-Artikolu 37 TFUE, u li l-Liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u l-Liġi dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat japplikaw għal impriżi pubbliċi jew impriżi bi drittijiet speċjali jew esklużivi, ħlief fejn l-applikazzjoni tagħhom tfixxkel it-tweqqif ta' attivitajiet ta' interess ekonomiku ġenerali, u li jkunu fdati f'konformità mal-Artikolu 106 TFUE.

L-UE tinnota li t-tlestija tal-elementi deskritti hawn fuq tissodisfa r-rekwiżiti tal-parametri referenzjarji għall-għeluq stabbiliti fid-dokument AD 2/20 CONF-ME 1.

* * *

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-impenji u l-progress tal-Montenegro fl-allinjament mal-acquis u l-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli sal-adeżjoni tal-Montenegro. L-UE tissottolinja li ser tiddedika attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-allinjament sħiħ tal-Montenegro mal-acquis f'dan il-kapitolu kif ukoll il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu. Jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari għar-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħrajn ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro mal-acquis u tal-implimentazzjoni tiegħu u l-issodisfar tal-parametri referenzjarji l-oħrajn għall-għeluq tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Montenegro jipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis u fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tiegħu.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument xieraq, jekk ikun meħtieġ.

L-UE tinnota li l-Montenegro, fil-pożizzjonijiet ta' negozjar tiegħu AD 8/19 CONF-ME 1 u AD 14/26 CONF-ME 11, jaċċetta l-acquis skont il-Kapitolu 8 kif inhu fis-seħħ fl-1 ta' April 2026. L-UE tinnota wkoll li l-Montenegro jiddikjara li ser ikompli l-proċess ta' allinjament mal-acquis u li ser ikun lest jimplimentah sad-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn l-1 ta' April 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.